MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 282/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**
**Vs**
**Tonio Ciantar et omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni:
Approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita` tieghu bhala direttur tal-kumpanija Chains Enterprises Limited, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` approprija ruhu minn flejjes migbura bhala VAT mill-kumpanija Chains Enterprises Limited, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn

LM7,000 liema flejjes jappartjenu lill-Gvern ta' Malta u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, u ssib lill-appellat hati tal-akkuza kif migjuba kontra tieghu u tinfliggi fuqu l-piena jew pieni skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma sabitx lill-appellat hati ta' l-akkuza kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement illiberatu minnha, minhabba :-
1. interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ossia ta' l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali;
2. rizultat ta' apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha.

Ikkunsidrat:

L-appell ta' l-Avukat Generali huwa principalment bbazat fuq zewg aggravji. Wahda illi l-ewwel Qorti ghamel interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi b'referenza ghal l-Artiklu 661 tal-Kodici Kriminali u it-tieni illi ghamlet apprezzament zbaljat u irragonevoli tal-provi illi tressqu quddiema.

Rigward l-ewwel aggravju wara li l-Qorti ezaminat l-Atti tal-process kif ukoll is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, issib illi l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal stqarrija ta' ko-akkuzat iehor Johann Ciantar u uzat din l-istqarrija li twasslet ghal xi konkluzzjonijiet fir-rigward il-ko-akkuzat l-iehor l-appellat Antonio Ciantar. Bir-rispett hawn hekk issib illi l-Avukat Generali ghandu ragun u l-ewwel Qorti ma setghet qatt taghmel dan. Dan ghaliex u ben maghruf illi stqarrija ta' persuna taghmel stat fil-konront ta' dik il-persuna biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra persuna ohra. Fil-fatt l-Artiklu 661 tal-Kodici Kriminali tghid testwalment 'konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u m'hijiex ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra.' Il-kliem huwa car u ma jistax jaghti lok ghal interpretazzjoni. Quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm zewg akkuzati, l-appellat Tonio Ciantar u huh Johann Ciantar. It-tnejn irrilaxxaw stqarrijiet lil Pulizija u l-Qorti gustament uzat dawn l-istqarrijiet. Pero ma jistax isir "cross reference" ghalihom. Dak illi qal Johann Ciantar jghodd ghalih biss u ma jistax jigi applikat fil-konfront tal-ko-akkuzat l-iehor Tonio Ciantar. Ghal hekk il-Qorti sejra tikkonsidra dan il-kaz fl-isfond ta' dan l-Artiklu u cioe torbot lil l-appellat b'dak illi qal fl-istqarrija tieghu u b'dak illi qal quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat:
Irrizulta mill-provi illi Tonio Ciantar kien direttur tal-kumpanija Chains Enterprises Limited. Kien ilu hekk mill-formazzjoni taghha fin-1991 sa l-20 ta' Ottubru tat-2001 meta l-kumpanija ghaddiet f'idejn huh, il-ko-imputat l-iehor Johann Ciantar. Il-perjodu inkriminanti huwa bejn l-1 ta' Jannar 1999 u il-31 ta' Lulju tat-2001. Perjodu illi jkopri fi shih il-kontroll tal-kumpanija mill-appellat. Fl-istqarrija tieghu lil Pulizija (a fol 48) l-appellat qal li huwa kien responsabbli ghal Chains Enterprises Limited u f'dak il-perjodu iddikjarat returns ta' Lm7,254.09. Qal li m'ghandux idea li returns mibghuta lil Kummissarju tal-Vat kienu fil-fatt certifikati korretti u ffirmati minnu. Mistoqsi x'ghamlet il-kumpanija bil-flus migbura tal-VAT wiegeb illi ma kellux idea. Ma kellux idea illi l-kumpanija ghandha tati l-flus migbura ghal-iskop tal-VAT.

Ikkunsidrat :
Il-Qorti m'ghandhiex dubju illi din l-istqarrija hija nebuluza u inkriminanti hafna peress illi direttur ta' kumpanija ma jistax iwiegeb b'dan il-mod ghal perjodu illi hu kien responsabbli ta' l-istess kumpanija. Meta xhed quddiem l-ewwel Qorti pero fit-12 t'April 2010 (fol 226) jidher illi d-diska inbidlet xi ftit. Din id-darba ma kellux dubbju illi l-kumpanija kienet fil-fatt ipprezentat il-VAT return. Izda spjega illi ma hallasx dak li kien hemm dak indikat peress illi l-ewwel riedu jigbru l-flus. Ikkonferma illi veru ma hallasx il-VAT imma dak ma jfissirx illi huwa appropju ghal xi flus ghalih. Spjega li ma hallsuhom ghax ma gewx ghandu fl-ewwel post. Hu ghazel li jibghat id-dikjarazzjoni biex imbghad jasal f'arrangament mal-Kummissarju tal-VAT u jhallas l-ammonti ddikjarati meta l-flus ikunu migbura.

Fortunatament fil-mori tal-kawza jidher li l-bilanci kollha dovuti lil Kummissarju thallsu. Tant hu hekk illi l-ahhar bilanc thallas fis-26 t'Ottubru 2009 (ara fol 231) u permezz ta' ittra li ggib dik id-data, l-Kummissarju iddikjara li ma kienx hemm pendenzi ghal dak li jirrigwarda din il-kawza kontra l-appellant Ciantar. Kien dan li gal lil l-appellat fl-ahhar jiddikjara illi spicca biex hallas kollox hu ghax kien responsabbli tal-Kumpanija.

Din ix-xhieda ma tagevolax lil l-appellat jekk jiehu inkonsiderazzjoni il-linji gwidja ta' l-Artiklu 637 tal-Kodici Kriminali li thalli fid-deskrizzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti billi jiehu qies fost affarijiet ohra, x-xhieda ta' xhud hijiex konsistenti jew le. Ma hemmx dubbju li meta l-Qorti tqis li d-dikjarazzjoni ta' l-appellant lil Pulizija fl-istqarrija u x-xhieda li ta fl-ewwel Qorti, hemm varjazzjoni u inkonsistenzi kbar. Fl-ewwel verzjoni l-appellat kien nebuluz jiprova jahrab milli jwiegeb mid-domandi u stahba wara paraventu ta' injoranza ta' dak li kien qieghed jigri fil-kumpanija. Quddiem l-ewwel Qorti kien aktar konfidenti. Kellu l-iskuza lesta u kien pront iwiegeb ghad-domanda ghaliex il-flus li kellu jibghat lil Kummissarju tal-VAT ma baghthomx u hareg bl-iskuza li ma kienx ircevihom fl-ewwel lok. Din l-iskuza m'hijiex kontrollabli u ma tistax tigi

verifikata. L-unika persuna li seta' jivverifika d-dikjarazzjoni bhal din, kien l-istess appellat li pero m'ghamel xejn u qaghad biss fuq din id-dikjarazzjoni kategorika u mhux kolloborata. Ghal hekk jibqa' l-fatt illi l-appellat baghat dokumenti lil Kummissarju tal-Vat li suppost kellhom ikunu akkompanjati bil-pagament neccessarju. Izda l-appellat m'ghamel xejn minn dan u ghazel li jaghmel il-prijoritajiet tieghu u li ma jhallax lil l-erarju dak li dovut li jithallas. Il-fatt biss li ntbghatu id-dokumenti juri li n-negozzju sar u la sar in-negozzju allura kien jikkombi fuq l-appellat li mad-dokumenti jibghat il-flus neccessarji. Jista' jkun hemm diversi cirkostanzi ghaliex il-flus ma ntbghatux mal-ewwel u l-Kummissarju jista' jasal f'arrangament ma' dak li jkun ghal modalita tal-hlas. Pero din hija fakultativa fuq in-naha tal-Kummissarju u ma tippregudikax bl-ebda mod id-dritt tieghu li jircievi l-flejjes fil-hin propens. La dan ma jisrix, dak li jkun, ikun fil-ksur tal-Ligi ghax l-istess dokument jipresuponi illi il-flus ikunu dahlu. U la ma jkunux intbghatu lil Kummissarju allura dawn ikunu gew uzati ghal xi haga ohra b'libera xelta ta' dak li jkun. F'dan il-kaz meta l-appellat baghat id-dokumenti lil Kummissarju tal-VAT, qieghed jiddikjara lil l-istess Kummissarju illi huwa ircieva l-ammonti iddikjarati fid-dokumenti. U la ma baghthomx quindi jkun ifisser li jkun uzahom ghal xi haga ohra.

Ghal hekk il-Qorti jidrilha li l-Avukat Generali ghandu ragun u l-appell tieghu misthoqq ikun milqugh.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta issib lil l-appellat Tonio sive Anthony Ciantar hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu izda stante illi fil-mori tal-proceduri hallas dak l-ammont kollu dovut lil erarji u m'ghandux aktar pendenzi mal-Kummissarju tal-Vat ghal dak li jirrigwarda din il-kawza, jidrilha li m'ghandiex tapplika l-estremi tal-Ligi u fil-waqt li tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ta' 7 xhur, tordna, li wara li rat l-Artiklu 28 A tal-Kodici Kriminali, li dan it-terminu jkun sospizz ghal zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------